Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2022/0405(COD)

14.6.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li tħassar id-Direttiva 2001/34/KE
(COM(2022)0760 – C9-0415/2022 – 2022/0405(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Alfred Sant

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 14

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li tħassar id-Direttiva 2001/34/KE
(COM(2022)0760 – C9-0415/2022 – 2022/0405(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0760),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0415/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023[1],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 5

[1] ĠU C 184, 25.5.2023, p. 103.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Barra minn hekk, biex tiġi appoġġata ***ulterjorment*** il-kopertura ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja mir-riċerka dwar l-investiment, il-materjal ta' riċerka mħallas kompletament jew parzjalment mill-emittenti jenħtieġ li jiġi kklassifikat bħala "riċerka ffinanzjata mill-emittent". Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' oġġettività u ta' indipendenza ta' tali materjal ta' riċerka, tali materjal jenħtieġ li jiġi prodott f'konformità ma' kodiċi ta' kondotta żviluppat jew approvat ***minn operatur tas-suq irreġistrat fi Stat Membru jew minn awtorità kompetenti***. Sabiex tiġi appoġġata aktar viżibbiltà tar-riċerka ffinanzjata mill-emittent, jenħtieġ li l-emittenti jkollhom il-possibbiltà li jissottomettu r-riċerka tagħhom iffinanzjata mill-emittent lill-korp ta' ġbir rilevanti kif iddefinit ***fl-[Artikolu*** 2 (2) ***tal-proposta għal Regolament dwar Punt ta' Aċċess Uniku*** Ewropew ***]***.	(5) Barra minn hekk, biex tiġi appoġġata ***aktar*** il-kopertura ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja mir-riċerka dwar l-investiment, il-materjal ta' riċerka mħallas kompletament jew parzjalment mill-emittenti jenħtieġ li jiġi kklassifikat bħala "riċerka ffinanzjata mill-emittent". Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' oġġettività u ta' indipendenza ta' tali materjal ta' riċerka, tali materjal jenħtieġ li jiġi prodott f'konformità ma' kodiċi ta' kondotta żviluppat jew approvat ***mill-ESMA***. Sabiex tiġi appoġġata aktar viżibbiltà tar-riċerka ffinanzjata mill-emittent, jenħtieġ li l-emittenti jkollhom il-possibbiltà li jissottomettu r-riċerka tagħhom iffinanzjata mill-emittent lill-korp ta' ġbir rilevanti kif iddefinit ***fl-Artikolu*** 2 (2) ***tar-Regolament(UE) .../... tal-Parlament*** Ewropew ***u tal-kunsill***[33].
_____	_____
[32] Ara l-Artikolu 2.2 tal-proposta għal Regolament [2021.78.COD]	
[33] ***Proposta*** għal ***Regolament [***2021/***03***.***78.COD]***	[33] ***Regolament (EU) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (***2021/0378***(***COD***)).***
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li strument finanzjarju ta'

	emittent li jkun ammess għan-negozjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jista' jiġi nnegozjat ukoll f'ċentru tan-negozjar ieħor biss jekk l-emittent ikun ġie infurmat u jkun ta l-kunsens tiegħu. L-ishma fl-SMEs ħafna drabi huma illikwidi min-natura tagħhom peress li għandhom kapitalizzazzjoni tas-suq iżgħar u volum ta' negozjar aktar baxx. Għalhekk jenħtieġ li l-emittenti jkunu jistgħu joġġezzjonaw li jiġu nnegozjati f'ċentru tan-negozjar ieħor, peress li dan jista' jkun ta' benefiċċju f'termini ta' tnaqqis tar-riskji ta' frammentazzjoni tal-likwidità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun ta' benefiċċju li r-rekwiżit ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tal-emittent fl-ewwel parti tal-Artikolu 33(7) tal-MiFID II dwar l-ammissjoni għan-negozjar ta' strument diġà ammess fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs jiġi estiż għal kwalunkwe ċentru tan-negozjar. Tali estensjoni tkun ta' benefiċċju fit-tnaqqis tar-riskji ta' frammentazzjoni tal-likwidità.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 24 – paragrafu 3b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta r-riċerka titħallas, kompletament jew parzjalment, mill-emittent u titqassam lill-pubbliku jew lil ditti tal-investiment jew lill-klijenti ta' ditti tal-investiment li jipprovdu mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta' investiment jew anċillari, tali riċerka għandha tiġi kklassifikata bħala "riċerka ffinanzjata mill-emittent" dment li tiġi prodotta f'konformità ***ma' kodiċi*** ta' kondotta ***żviluppat jew approvat minn operatur tas-suq irreġistrat fi Stat Membru jew minn awtorità kompetenti***.	Meta r-riċerka titħallas, kompletament jew parzjalment, mill-emittent u titqassam lill-pubbliku jew lil ditti tal-investiment jew lill-klijenti ta' ditti tal-investiment li jipprovdu mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta' investiment jew anċillari, tali riċerka għandha tiġi kklassifikata bħala "riċerka ffinanzjata mill-emittent" dment li tiġi prodotta f'konformità ***mal-kodiċi*** ta' kondotta ***tal-UE għar-riċerka ffinanzjata mill-emittent li għandha tiġi żviluppata mill-ESMA***.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 24 – paragrafu 3b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kodiċi ta' kondotta għandu jistabbilixxi standards minimi ta' indipendenza u oġġettività li għandhom jiġu rrispettati mill-fornituri ta' tali riċerka***. L-operatur tas-suq jew l-awtorità kompetenti għandhom jippubblikaw il-kodiċi*** ta' ***kondotta fuq is-sit web tagħhom u jirrieżaminawh u japprovawh mill-ġdid kull sentejn***.	***L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta armonizzat tal-UE għar-riċerka ffinanzjata mill-emittent.*** Il-kodiċi ta' kondotta għandu jistabbilixxi standards minimi ta' indipendenza u oġġettività li għandhom jiġu rrispettati mill-fornituri ta' tali riċerka***, u jispeċifika l-proċeduri għall-identifikazzjoni effettiva u l-prevenzjoni*** ta' ***kunflitti ta' interess***. ***L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*** ***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*** ***Il-kodiċi ta' kondotta tal-UE għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-ESMA.*** ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jingħataw setgħat superviżorji sabiex jiżguraw li d-ditti tal-investiment jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta tal-UE żviluppat mill-ESMA. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħat meħtieġa biex jagħmlu dan li ġej:*** ***(a) jivverifikaw jekk id-ditti tal-investiment għandhomx fis-seħħ il-miżuri organizzattivi biex jiżguraw li r-riċerka ffinanzjata mill-emittent li jirċievu tiġi prodotta f'konformità mal-kodiċi ta'***

kondotta tal-UE;

(b) jissospendu d-distribuzzjoni mid-ditti tal-investiment ta' kwalunkwe riċerka ffinanzjata mill-emittent li ma tiġix prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE;

(c) joħorġu twissijiet biex jinfurmaw lill-pubbliku li r-riċerka ffinanzjata mill-emittent mhijiex prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE.

L-ESMA għandha ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tkun meħtieġa twettaq analiżi obbligatorja ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dik l-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tiffoka fuq l-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti li jiżguraw li d-ditti tal-investiment jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta tal-UE. L-ESMA għandha tivvaluta fuq bażi regolari, u mill-inqas kull tliet snin, jekk il-kodiċi ta' kondotta tal-UE jeħtieġx li jiġi riżaminat, f'liema każ għandha tippreżenta abbozz ta' standards tekniċi regolatorji emendat lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 24 – paragrafu 3d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3d. Ir-riċerka li tkun ikklassifikata bħala riċerka ffinanzjata mill-emittent għandha tindika fuq il-paġna ta' quddiem tagħha b'mod ċar u prominenti li tkun tħejjiet f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta. ***Għandu jissemma wkoll l-isem tal-operatur tas-suq jew tal-awtorità***	3d. Ir-riċerka li tkun ikklassifikata bħala riċerka ffinanzjata mill-emittent għandha tindika fuq il-paġna ta' quddiem tagħha b'mod ċar u prominenti li tkun tħejjiet f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta. Kwalunkwe materjal ta' riċerka ieħor imħallas kompletament jew

kompetenti li tkun żviluppat jew approvat tali kodiċi ta' kondotta. Kwalunkwe materjal ta' riċerka ieħor imħallas kompletament jew parzjalment mill-emittent iżda mhux prodott f'konformità ma' kodiċi ta' kondotta kif imsemmi fil-paragrafu 3b għandu jiġi kklassifikat bħala komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni.***"***;	parzjalment mill-emittent iżda mhux prodott f'konformità ma' kodiċi ta' kondotta kif imsemmi fil-paragrafu 3b għandu jiġi kklassifikat bħala komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni.;

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid) – punt a (ġdid)
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:
	(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ***ta' investimenti*** jieħdu l-passi suffiċjenti kollha sabiex, meta jwettqu l-ordnijiet, jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-klijenti tagħhom, filwaqt li jqisu l-prezz, ***l-ispejjeż***, il-ħeffa, il-probabbiltà tat-twettiq u tas-saldu, id-daqs, in-natura ***u*** kull kunsiderazzjoni oħra li tkun rilevanti għat-twettiq tal-ordni. Madankollu, meta jkun hemm struzzjoni speċifika mill-klijent, id-ditta ***ta' investiment*** għandha teżegwixxi l-ordni skont l-istruzzjoni speċifika.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ***tal-investiment*** jieħdu l-passi suffiċjenti kollha sabiex, meta jwettqu l-ordnijiet, jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-klijenti tagħhom, filwaqt li jqisu l-prezz, ***il-kostijiet***, il-ħeffa, il-probabbiltà tat-twettiq u tas-saldu, id-daqs, in-natura***, il-forniment tar-riċerka, jew*** kull kunsiderazzjoni oħra li tkun rilevanti għat-twettiq tal-ordni. Madankollu, meta jkun hemm struzzjoni speċifika mill-klijent, id-ditta ***tal-investiment*** għandha teżegwixxi l-ordni skont l-istruzzjoni speċifika.***"***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid) – punt b (ġdid)
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 27 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. L-Istati Membri għandhom ***jeħtieġu lid-ditti ta' investiment*** li ***jwettqu l-ordnijiet tal-klijent*** li ***jimmonitorjaw l-effikaċja tal-arranġamenti tagħhom għat-twettiq tal-ordnijiet u tal-politika tat-twettiq tagħhom sabiex jidentifikaw u, fejn ikun xieraq, jikkoreġu kull nuqqas. B'mod partikolari, għandhom jivvalutaw, fuq bażi regolari, jekk il-postijiet tat-twettiq inklużi fil-politika tat-twettiq tal-ordnijiet, jipprovdux l-aħjar riżultat possibbli għall-klijent jew jekk hemmx bżonn li jagħmlu bidliet fl-arranġamenti tagħhom tat-twettiq, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, l-informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafi 3 u 4a. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investiment jinnotifikaw lill-klijenti, li magħhom għandhom relazzjoni kontinwa ta' klientela, dwar kull bidla materjali fl-arranġamenti tagħhom tat-twettiq tal-ordnijiet jew fil-politika tagħhom tat-twettiq.***	***"7.*** L-Istati Membri għandhom ***jirrikjedu*** li ***strument finanzjarju ta' emittent*** li ***jkun ammess għan-negozjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jista' jiġi nnegozjat ukoll f'ċentru tan-negozjar ieħor biss*** jekk ***l-emittent ikun ġie infurmat*** u ***jkun ta l-kunsens tiegħu***.***"***
	Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 51a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-swieq regolati jiżguraw li***, fi kwalunkwe ħin,*** mill-inqas 10 % tal-kapital sottoskritt irrappreżentat mill-klassi ta' ishma kkonċernata mill-applikazzjoni għall-ammissjoni għan-negozjar ikun miżmum mill-pubbliku.	4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-swieq regolati jiżguraw li mill-inqas 10 % tal-kapital sottoskritt irrappreżentat mill-klassi ta' ishma kkonċernata mill-applikazzjoni għall-ammissjoni għan-negozjar ikun miżmum mill-pubbliku ***fil-ħin tal-ammissjoni***.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 51a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta l-perċentwal ta' ishma miżmuma mill-pubbliku jkun inqas minn 10 % tal-kapital sottoskritt,*** l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li s-swieq regolati jirrikjedu li numru suffiċjenti*** ta' ishma ***jitqassmu lill-pubbliku sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4.***	5. L-Istati Membri għandhom ***iqisu biżżejjed in-numru*** ta' ishma ***mqassma meta:***
	(a) l-ishma li fir-rigward tagħhom tkun saret applikazzjoni għal ammissjoni jkunu miżmuma mill-pubbliku sal-limitu ta' mill-inqas 10 % tal-kapital sottoskritt rappreżentat mill-klassi ta' ishma kkonċernati; jew
	(b) minħabba n-numru kbir ta' ishma tal-istess klassi u l-firxa tad-distribuzzjoni tagħhom lill-pubbliku, is-suq jista' jopera kif suppost b'perċentwal aktar baxx.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Direttiva 2014/65/UE
Artikolu 69 – paragrafu 2 – punt ua (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(2), jiżdied il-punt li ġej:
	(ua) jissorveljaw jekk id-ditti tal-investiment li jipproduċu jew jiddistribwixxu riċerka ffinanzjata mill-emittent jagħmlux dan f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE żviluppat mill-

ESMA kif imsemmi fl-Artikolu 24.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-Att dwar l-Elenkar u r-reviżjoni mfassla tiegħu tal-qafas attwali tal-UE għall-elenkar ta' kumpaniji.

Bħala parti minn din il-proposta, pakkett ta' rieżamijiet għal biċċiet ta' leġiżlazzjoni eżistenti jinsab quddiemna.

Il-proposti tal-Kummissjoni jinkludu dan li ġej:

- Proposta biex jiġi emendat(i) ir-Regolament dwar il-Prospett biex jiġu armonizzati r-rekwiżiti għat-tfassil, l-approvazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prospett li jrid jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat (2017/1129), (ii) ir-regolament dwar l-abbuż tas-suq (MAR) li għandu l-għan li jipprevjeni u jidentifika l-abbuż tas-suq, il-manipulazzjoni tas-suq u l-abbuż minn informazzjoni privileġġata (596/2014), u (iii) ir-regolament dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFIR), li jipprovdi qafas legali għas-swieq tat-titoli, l-intermedjarji tal-investiment, u ċ-ċentri tan-negozjar (600/2014);
- Proposta biex tiġi emendata d-direttiva dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, MiFID II, imfassla biex tirregola s-swieq finanzjarji u ttejjeb il-protezzjonijiet għall-investituri (2014/65/UE), u biex tħassar id-Direttiva dwar l-Elenkar li tikkoordina l-kundizzjonijiet għall-ammissjoni ta' titoli għal-listi ta' stock exchange uffiċjali u l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata dwar dawk it-titoli (2001/34/KE);
- Proposta għal direttiva ġdida dwar strutturi ta' ishma b'vot multiplu f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għall-kummerċ tal-ishma tagħhom f'suq tat-tkabbir tal-SMEs. Il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-piż regolatorju li jiffaċċjaw il-kumpaniji matul il-fażi ta' qabel l-offerta pubblika inizjali (IPO) u l-iżbilanċ madwar l-UE meta jagħżlu strutturi ta' governanza xierqa meta jelenkaw (2022/0406).

Bħala approċċ ġenerali, ir-rapporteur japprova s-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-qafas tal-elenkar fl-UE, sakemm dan ma jkunx għad-detriment tal-investituri u/jew tas-suq. Hemm aċċettazzjoni ġenerali min-naħat kollha: il-ħidma fuq is-CMU waqgħet wisq lura, u mhijiex qed tagħti riżultati.

Is-suq kapitali tal-UE qed ikompli jitlef ir-ritmu meta mqabbel ma' swieq oħra madwar il-kontinent. F'termini relattivi iżda mhux biss, is-sehem tal-kapitalizzazzjoni tas-suq madwar id-dinja ilu jonqos dawn l-aħħar tliet snin, u dan b'kunsiderazzjoni għall-Brexit.

L-Att dwar l-Elenkar għandu l-għan li jnaqqas il-piżijiet regolatorji, ġeneralment perċepiti

bħala wieħed mill-ostakli ewlenin għall-progress lejn suq kapitali tal-UE li qed jiffjorixxi. Madankollu, tnaqqis fil-piżijiet regolatorji assoċjati mal-elenkar ma jridx isir għad-detriment taż-żamma fis-seħħ ta' regoli b'saħħithom dwar il-protezzjoni tal-investitur.

Fl-ispirtu li jinkiseb approċċ ibbilanċjat, ir-rapporteur iltaqa' ma' għadd kbir ta' parteċipanti u regolaturi tas-suq. Fuq din il-bażi, ir-rapporteur qed jipproponi li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni dwar għadd ta' elementi filwaqt li jżomm u jsaħħaħ l-iskop ewlieni tagħha.

Dawn il-bidliet kbar jikkonċernaw il-kwistjonijiet li ġejjin: livell limitu għar-rekwiżiti tal-prospett; it-tul tal-prospett; it-tisħiħ tar-rekwiżiti ESG; ir-reviżjoni tal-MAR dwar il-persuni b'informazzjoni privileġġata; bidliet proposti għad-Direttiva Mifid II; u t-twessigħ tad-Direttiva dwar l-Istruttura b'Votazzjoni Multipla.

Livell limitu għar-rekwiżiti tal-prospett

Ir-rapporteur jemmen li minħabba l-arkitettura attwali tas-suq Ewropew, livell limitu uniformi ta' EUR 12-il miljun għall-eżenzjoni ta' offerti żgħar ta' titoli lill-pubbliku mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett mhuwiex fl-aħjar interess li tinżamm regolamentazzjoni sodisfaċenti dwar is-suq fil-livell nazzjonali. Għalhekk, qed jiġi propost li jiġi adottat l-approċċ tal-Kummissjoni dwar is-sekwenzjar tal-prospett, biex jippermetti wkoll żieda tal-livell limitu għal EUR 12-il miljun iżda fl-istess ħin jagħti flessibbiltà lill-Istati Membri biex jadottaw livelli limiti aktar baxxi b'livell limitu minimu ta' EUR 5 miljun.

It-tul tal-prospett

Bħala parti mill-proposta tal-Att dwar l-Elenkar, il-Kummissjoni qed tipprova toħloq standardizzazzjoni fil-livell tal-UE għall-prospetti. Dan l-approċċ huwa ġeneralment milqugħ mir-rapporteur. Huwa jaqbel bis-sħiħ mal-fehma li struttura uniformi bbażata fuq is-sekwenzjar hija ideali għall-atturi kollha fis-suq peress li tagħmel il-prospetti jkunu jistgħu jinqraw u jinftiehmu aktar kemm għall-investituri fil-livell tal-konsumatur kif ukoll għall-investituri professjonali.

Madankollu, il-Kummissjoni tfittex ukoll li tintroduċi limitu ta' tul ġenerali ta' 300 paġna għall-prospetti sabiex tagħmilha aktar faċli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur biex jaqraw dawn il-prospetti. Ir-rapporteur jirrikonoxxi li l-prospetti huma twal u possibbilment ma jistgħux jinqraw mill-investitur medju fil-livell tal-konsumatur. Madankollu, id-data turi li l-investituri fil-livell tal-konsumatur ma jaqrawx il-prospetti, anki f'pajjiżi fejn il-prospetti huma inqas minn 300 paġna. Fil-fatt, il-prospett jibqa' dokument professjonali mħejji għall-investituri professjonali. Huwa meqjus bħala strument li jkopri l-emittenti għar-responsabbiltà legali, fil-biċċa l-kbira moqrija minn investituri professjonali jew konsulenti li joperaw minn aġenziji ta'

finanzjament tal-investiment. Huma ma għandhom, jew ma għandu jkollhom, l-ebda problema fil-qari u l-fehim tal-prospetti, irrispettivament mit-tul tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet iddikjarati, ir-rapporteur jadotta l-fehma tal-Kummissjoni dwar is-sekwenzjar tal-prospetti filwaqt li jissuġġerixxi li jitneħħew il-limiti tal-paġni fuq id-dokumenti tal-prospett.

It-tisħiħ tar-rekwiżiti ESG

Ir-rapporteur jilqa' l-inklużjoni tar-regoli ESG fil-qafas propost, u huwa tal-fehma li t-tqegħid tar-regoli ESG jeħtieġ li jissaħħaħ fil-preżentazzjoni tal-prospett u bnadi oħra. Fil-fehma tar-rapporteur, il-bidliet fir-regolament dwar il-prospett iridu jibqgħu koerenti mal-impenn ta' riforma ġenerali tal-UE li għaddej bħalissa f'dan il-qasam ta' politika essenzjali, li dwaru hemm qbil wiesa'.

Ir-reviżjoni tal-MAR dwar il-persuni b'informazzjoni privileġġata

Il-proposti tal-Att dwar l-Elenkar għal bidliet għall-MAR huma ġeneralment milqugħa tajjeb għalkemm ir-rapporteur jirrikonoxxi n-natura kontroversjali tar-reviżjoni proposta mill-Kummissjoni dwar il-persuni b'informazzjoni privileġġata u kif dawn għandhom jiġu identifikati u mmonitorjati. Hawnhekk, ir-rapporteur jinnota t-twissija tal-ESMA dwar is-simplifikazzjonijiet li qed jiġu proposti, li jistgħu jagħmlu ħsara lill-kapaċità tas-superviżuri nazzjonali li jinfurzaw faċilment ir-regoli kontra l-abbuż tas-suq. Għalhekk, l-Abbozz ta' Rapport jipproponi t-tneħħija tat-test tal-Kummissjoni fuq il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata.

Il-bidliet proposti għad-Direttiva Mifid II

Fuq nota ġenerali, ir-rapporteur jilqa' l-elementi introdotti mill-Kummissjoni għad-Direttiva Mifid II u f'dan il-kuntest jirrikonoxxi l-isforzi mmirati biex jiffaċilitaw l-elenkar tal-kumpaniji.

Bil-għan li jittejbu l-proposti tal-Kummissjoni, ir-rapporteur jintroduċi l-idea ta' standards tekniċi regolatorji mill-ESMA biex jiġu stabbiliti kodiċi ta' kondotta armonizzat tal-UE għar-riċerka ffinanzjata mill-emittent. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jitnaqqsu r-riskji ta' frammentazzjoni tal-likwidità, ir-rapporteur, jestendi r-rekwiżit ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tal-emittent dwar l-ammissjoni għan-negozjar ta' strument diġà ammess fis-Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs, għal kwalunkwe ċentru tan-negozjar.

It-twessigħ tal-Istrutturi b'Votazzjoni Multipla filwaqt li jiġu salvagwardjati l-investituri

Il-proposta tal-Kummissjoni għal din id-Direttiva hija li l-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jagħżlu strutturi ta' governanza li jkunu l-aktar adatti għall-istadju ta' żvilupp tagħhom. Ir-rapporteur jaqbel mal-approċċ b'xi aġġustamenti proposti.

B'mod speċifiku, sabiex tiżdied l-attraenza tal-elenkar fl-UE, l-għażla għal strutturi b'votazzjoni multipla m'għandhiex tkun limitata għas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs iżda għandha tiġi estiża għas-swieq regolati kollha. Barra minn hekk, sabiex jinżamm livell għoli ta' fiduċja fis-suq, ir-rapporteur jintroduċi sett ta' salvagwardji obbligatorji li jinkludu proporzjon limitat ta' votazzjoni u klawżola ta' estinzjoni ta' 10 snin (sett ta' żmien definit).